MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 149/2013/1

Fl-Atti tar-Rikors Maħluf Numru 149/13JRM fl-ismijiet:

L-Avukat Marisa **AZZOPARDI** għan-nom u in rappreżentanza tal-*Joint Official Liquidators* Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Ackers tas-soċjeta' estera *in official liquidation* Saad Investments Company Limited, kumpannija reġistrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, Cayman Islands

vs

**SAADGROUP BANK EUROPE LIMITED (C – 42623)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fl-14 ta' Frar, 2013, mill-kumpannija Saadgroup Bank Europe Limited permezz tal-mandatarju tagħha l-avukat Dottor Antoine Cremona li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti jogħġobha twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju, 2012, fil-kawża fl-ismijiet "*L-Avukat Marisa Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tal-Joint Official Liquidators Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Ackers tas-soċjeta' estera in official liquidation Saad Investments Company Limited, kumpannija reġistrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, Cayman Islands vs Saadgroup Bank Europe Limited (C – 42623)*" (Rik. Nru. 95/12SM) u dan sakemm tinqata' l-kawża ta' ritrattazzjoni li hija fetħet dakinhar fir-rigward tal-imsemmija sentenza[1];

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' April, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-intimata ritrattata u qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat it-Tweġiba mressqa fil-25 ta' April, 2013, mill-intimata ritrattata, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li t-talba għaż-żamma tal-esekuzzjoni tas-sentenza ma jmisshiex tintlaqa' għaliex (a) ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex l-eżekuzzjoni titwaqqaf, (b) billi ma ngħatatx il-garanzija mitluba mil-liġi, u (ċ) billi t-twaqqif tal-eżekuzzjoni jħalli ħsara akbar lilha milli lill-kumpannija ritrattanda li kieku l-eżekuzzjoni ma titwaqqafx;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Mejju, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

[1] Rik. Nru. 149/13JRM imressaq fl-14.2.2013

Illi din hija azzjoni għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' sentenza minħabba li u sakemm iddum tinstema' kawża ta' ritrattazzjoni tal-kawża li fiha ngħatat l-istess sentenza. Il-kumpannija rikorrenti ritrattanda tgħid li jekk kemm-il darba l-proċess ta' eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza jitħalla jitkompla, hija se' ġġarrab ħsara kbira;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimata ritrattata laqgħet billi qalet li ma hemmx raġuni tajba għalfejn l-eżekuzzjoni tas-sentenza li hija kisbet favuriha titwaqqaf. Minbarra dan, żiedet tgħid li r-rikorrenti ritrattanda naqset li tressaq garanzija tajba biżżejjed kif titlob il-liġi f'każ bħal dan u li ma kienx minnu li l-ħsara li l-istess ritrattanda ġġarrab ikun akbar jekk l-eżekuzzjoni ma titwaqqafx milli ġġarrab hi li kieku l-eżekuzzjoni titwaqqaf;

Illi l-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-każ</u> juru li b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2012, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabet li l-kumpannija ritrattandi (aktar 'il quddiem imsejħin "SBEL") kienet debitriċi tal-kumpannija ritrattata (aktar 'il quddiem imsejħa "SICL") fis-somma ta' seba' mija u sbatax-il elf erba' mija u tlieta u ħamsin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmi (€ 717,453.85) bħala import ta' self magħmul minn din lil SBEL f'somom f'denominazzjoni ta' Dollaru Amerikan[2]. Il-kawża miftuħa minn SICL kienet tressqet bil-proċedura sommarja speċjali u l-atti kienu juru li saret in-notifika lil SBEL permezz tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. SBEL baqgħet ma dehritx quddiem il-Qorti u ma ressqet l-ebda kontestazzjoni għat-talbiet ta' SICL;

Illi ma tressaqx appell mill-imsemmija sentenza;

Illi fid-9 ta' Lulju, 2012, SICL talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv kontra SBEL[3]. Kien biss wieħed mis-seba' sekwestratarji li qal li kellu assi ta' SBEL f'idejh u għadda biex iddepożitahom b'ċedola fit-30 ta'

[2] Dok "Ċ", f'paġġ. 20 – 3 tal-proċess
[3] Dok "X", f'paġġ. 13 – 8 tal-proċess

Lulju, 2012[4]. L-ammont kien ta' elf tmien mija u sittin euro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€ 1,860.64);

Illi SICL seħħilha tiżbanka l-ammont depożitat f'Ottubru tal-2012, bis-saħħa ta' degriet għal dan l-effett mogħti fil-5 ta' Ottubru, 2012[5]. SBEL tgħid li f'xi żmien wara, saret taf bis-sentenza mogħtija kontra tagħha, u fl-14 ta' Frar, 2013, hija fetħet kawża kontra SICL biex titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawża li waslet għall-għoti tal-imsemmija sentenza li SICL għadha qiegħda tipprova teżegwixxi;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-każ</u> jibda biex jingħad li t-talba ta' SBEL hija waħda maħsuba taħt l-artikolu 823 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu jagħmilha ċara li l-provvediment li jingħata f'talba bħal dik imressqa llum mir-rikorrenti huwa sentenza u minnha, f'każ ta' ċaħda, hemm jedd ta' appell[6]. Għalhekk, tali provvediment ma jistax jingħata *in camera* imma tabilfors waqt smigħ, kif qiegħed tabilħaqq isir;

Illi l-Qorti tqis li għal **dak li jirrigwarda t-talba fil-mertu** tajjeb li jingħad li talba biex tinżamm l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża timplika li l-fatt li tkun saret kawża ta' ritrattazzjoni ma jġibx minnufih it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' sentenza bħal dik[7]. Mhux hekk biss, imma t-talba għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ma torbotx idejn il-Qorti li quddiemha titressaq biex tilqagħha tabilfors. Il-liġi trid li, biex qorti tilqa' talba bħal dik, min jagħmel it-talba jrid (a) jagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza f'każ li ma tkun imħassra fit-talba għar-ritrattazzjoni u (b) juri għas-sudisfazzjon tal-qorti li l-eżekuzzjoni tas-sentenza, kieku titħalla, ġġiblu iżjed ħsara milli ż-żamma tagħha ġġib lill-parti l-oħra[8]. Għalkemm il-liġi ssemmi l-għoti ta' garanzija, huwa miżmum li din m'hijiex "komponent *sine qua non*" biex it-talba għaż-

[4] Dok "Y", f'paġ. 25 tal-proċess
[5] Dok "Ż", f'paġġ. 32 u 34 tal-proċess
[6] Art. 823(6) tal-Kap 12
[7] Ara art. 823(1) tal-Kap 16
[8] Art. 823(2) tal-Kap 12

żamma tal-eżekuzzjoni tista' tintlaqa'[9] bħalma lanqas huwa meħtieġ li dik il-garanzija tkun ingħatat fl-istess waqt li titressaq talba bħal dik[10];

Illi l-liġi ma tgħidx b'reqqa fiex għandha tikkonsisti l-garanzija. Tgħid biss li din trid tkun tajba għall-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata f'każ li t-talba għat-tħassir tagħha (fil-kawża tar-ritrattazzjoni) ma tintlaqax, u **magħdud magħha** l-garanzija li tissemma fl-artikolu 266(10) tal-Kapitolu 12. L-imsemmi sub-artikolu jipprovdi li dik il-garanzija tgħodd fiha l-ħlas tal-imgħax meta s-sentenza tkun waħda li tikkundanna l-ħlas ta' flejjes, u l-garanzija li tagħmel tajjeb għal kull ħsara li tista' tkun kaġunata minħabba traskuraġni jew ħtija, jekk kemm-il darba s-sentenza tirriferixxi għal ħwejjeġ oħra. Dan ifisser li l-garanzija trid tkun ġabra ta' elementi li jagħmlu tajjeb għat-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li tkun. Il-liġi nnifisha taħseb għall-fatt li l-qies ta' x'inhi garanzija tajba f'każ bħal dan tkun kontestata bejn il-partijiet u tgħid ukoll x'għandu jsir meta jinqala' dan[11];

Illi l-għaref difensur ta' SBEL issottometta li jekk kemm-il darba l-Qorti kienet sejra tgħaddi biex tistabilixxi l-għoti ta' garanzija, dan ma kellux isir b'mod li joħnoq ir-rimedju nnifsu tar-ritrattazzjoni. Dan għaliex SBEL ma tistax tkun ordnata li tressaq garanzija f'somma hekk qawwija li ma jħallihiex tista' tikkontesta r-raġuni li fuqha hija talbet li ssir ir-ritrattazzjoni. Huwa jisħaq li ma kienx minnu li l-atti tal-kawża li wasslu għas-sentenza attakkata kienu ġew notifikati kif imiss, ladarba ma kien hawn ħadd f'Malta li sata' jirrappreżenta lil SBEL u huwa dan il-qofol kollu tal-proċess ta' ritrattazzjoni issa mitlub minnha;

Illi l-Qorti tifhem li l-garanzija mitluba mil-liġi ma titwettaqx biss bid-depożitu tal-ispejjeż taxxati u lanqas bl-ammont tas-"*sorte*" waħdu[12]. Hija tqis li l-għan tal-garanzija huwa dak li ma jħallix lill-kreditur kanoniżżat fis-sentenza li tkun

---

[9] App. Ċiv. **16.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.359**)
[10] App. Ċiv. **2.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Micallef et vs Alfred Manġion*** (mhix pubblikata); u App. Ċiv. **18.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Kunsill Lokali Mellieħa et vs Central Mediterranean Development Corporation Ltd*** (mhix pubblikata)
[11] Art. 266(11) tal-Kap 12
[12] Ara Kumm. **10.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Said*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1343**)

qiegħda tiġi attakkata li jitlef b'xi mod is-saħħa tal-kreditu kanoniżżat: il-garanzija maħsuba fl-artikolu 823 tal-Kap 12 hu maħsub li għandu jkollha l-effett li trażżan il-biżgħa tal-abbuż li jista' jsir billi wieħed iressaq proċedura għar-ritrattazzjoni bil-ħsieb li jiffrustra t-twettiq ta' titolu eżekuttiv maħluq b'sentenza li tkun saret ġudikat;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni element irid jingħad li fi proċedura bħal din, il-ħsara li l-parti rikorrenti tibża' li sejra ġġarrab li kieku l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma titwaqqafx, trid tkun pruvata kif imiss mill-istess parti rikorrenti. Mhux hekk biss, iżda jidher li l-kejl li tuża l-liġi huwa wieħed ta' tqabbil, fis-sens li wkoll kieku jkun hemm lok ta' ħsara għall-parti ritrattanda, trid titqies ukoll il-ħsara li ġġarrab il-parti ritrattata jekk kemm-il darba l-eżekuzzjoni ta' sentenza tinżamm. Huwa stabilit li fejn iż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' sentenza tkun tolqot żgumbrament u sakemm ma jidhrux raġunijiet tabilħaqq speċjali, il-ħsara mġarrba mill-parti eżekutata tidher, mad-daqqa t'għajn, akbar mill-ħsara li ġġarrab il-parti eżekutanti jekk kellha tinżamm l-eżekuzzjoni tas-sentenza[13], u dan għaliex jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza titħalla miexja 'l quddiem, jista' jseħħ żgumbrament doppju u mhux mixtieq, f'każ li l-azzjoni ta' ritrattazzjoni tirnexxi[14]. Lanqas ma hija raġuni tajba li tinċaħad it-talba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni l-fatt li l-proċeduri tar-ritrattazzjoni jistgħu jieħdu ċertu tul ta' żmien[15];

Illi fil-każ tal-lum, il-kreditu kanoniżżat huwa ħlas ta' somma flus. Ma hemm l-ebda biżgħa għal SBEL li titneħħa minn xi post jew li titkeċċa minn xi sede. Mis-sottomissjonijiet tal-għaref difensur ta' SBEL ħareġ ukoll li SBEL m'hijiex f'qagħda finanzjarja hekk b'saħħitha li tista' tħallas l-ammont kanoniżżat favur SICL. Min-naħa l-oħra, il-ħsara li ġġorr SICL li kieku l-Qorti kellha tordna ż-żamma tal-eżekuzzjoni tas-sentenza jkun akbar mill-ħsara li ġġarrab SBEL li kieku t-talba ta' din ma tintlaqax;

[13] App. Inf. PS **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Palmar Ltd vs Victor Ċiantar*** (mhix pubblikata)
[14] App. Ċiv. **4.5.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***George Pavia vs Joseph Micallef*** (mhix pubblikata)
[15] App. Inf. PS **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Demanuele et vs Fast Food Services Ltd*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.834**)

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tasal għall-fehma li ma ngħatatx raġunijiet tajbin biżżejjed għaliex għandha tilqa' t-talba ta' SBEL biex iżżomm l-eżekuzzjoni tas-sentenza li hija qiegħda tattakka fil-kawża ta' ritrattazzjoni mressqa minnha u dan meta titqabbel il-ħsara taż-żewġ partijiet fil-każ. Il-Qorti tgħid dan bla ma qiegħda tgħaddi l-ebda fehma jew ġudizzju fuq is-siwi fil-mertu tat-talba tar-ritrattazzjoni ta' SBEL;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tal-kumpannija rikorrenti** Saadgroup Bank Europe Limited biex tinżamm l-esekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju, 2012, fil-kawża fl-ismijiet "*L-Avukat Marisa Azzopardi għan-nom u in rappreżentanza tal-Joint Official Liquidators Mark Byers, Hugh Dickson u Stephen Ackers tas-soċjeta' estera in official liquidation Saad Investments Company Limited, kumpannija reġistrata fl-indirizz 10, Market Street, Box 765, Camana Bay, Grand Cayman, Cayman Islands vs Saadgroup Bank Europe Limited (C – 42623)*" (Rik. Nru. 95/12SM) billi ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa mitluba mil-liġi biex il-Qorti tista' tilqa' t-talba tat-twaqqif ta' eżekuzzjoni bħal dik; u

**Tordna** li l-istess kumpannija rikorrenti **tħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------